

**EMENDI 001-037**

mill- Kunitat għall-Affarijiet Legali

**Rapport**

**Emil Radev**

**A8-0477/2018**

Kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali

Proposta għal regolament (COM(2018)0378 – C8-0242/2018 – 2018/0203(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) Fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, huwa meħtieġ li tkompli tittejjeb u titħaffef il-kooperazzjoni bejn il-qradi **fil-kumpilazzjoni** tax-xhieda.

(1) Fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern ***u tal-iżvilupp ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja ċivili rregolat bil-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u r-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi***, huwa meħtieġ li tkompli tittejjeb u titħaffef il-kooperazzjoni bejn il-qradi ***fl-Istati Membri fir-rigward tal-kumpilazzjoni*** tax-xhieda.

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2a) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "qorti" jenħtieġ li jingħata tifsira wiesgħa sabiex ikopri mhux biss il-qradi fis-sens strett tal-kelma, li jeżerċitaw***

*funzjonijiet ġudizzjarji, imma wkoll korpi jew awtoritajiet oħra li huma kompetenti skont il-liġi nazzjonali biex jieħdu x-xhieda skont dan ir-Regolament, bħal, pereżempju, awtoritajiet tal-infurzar jew nutara f'ċerti Stati Membri u f'sitwazzjonijiet speċifiċi.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 2b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2b) Huwa essenzjali li jkunu disponibbli mezzi effettivi għall-kisba, il-preservazzjoni u l-preżentazzjoni ta' evidenza u li jitqiesu b'mod debitu d-drittijiet tad-difiża u l-ħtieġa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jitħeġġeġ l-użu tat-teknoloġija moderna.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(3) Sabiex tiġi żgurata t-trażmissjoni rapida tat-talbiet u l-komunikazzjonijiet, jenħtieġ li jintużaw il-mezzi kollha xierqa ta' teknoloġija tal-komunikazzjoni moderna. Għalhekk, bħala regola, il-komunikazzjoni u l-iskambji tad-dokumenti kollha jenħtieġ li jitwettqu permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata magħmula minn sistemi tal-IT nazzjonali.

(3) Sabiex tiġi żgurata ***b'mod effikaċi*** t-trażmissjoni ***diretta u*** rapida tat-talbiet u l-komunikazzjonijiet, jenħtieġ li jintużaw il-mezzi kollha xierqa ta' teknoloġija tal-komunikazzjoni moderna, ***u f'dan ir-rigward għandu jitqies l-iżvilupp kostanti ta' tali teknoloġija.*** Għalhekk, bħala regola, il-komunikazzjoni u l-iskambji tad-dokumenti kollha jenħtieġ li jitwettqu permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata magħmula minn sistemi tal-IT nazzjonali.

### Emenda 5

**Proposta għal regolament  
Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) Is-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sistema e-CODEX u ġestita mill-eu-LISA. Jenħtieġ li jkunu disponibbli riżorsi adegwati għall-eu-LISA biex tkun tista' tiġi introdotta u tinżamm operattiva sistema bħal din, kif ukoll biex tippovdi appoġġ tekniku f'każ ta' problemi fit-tħaddim tas-sistema. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tissottometti kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ qabel tmiem l-2019, proposta għal Regolament dwar komunikazzjoni transkonfinali fi proċedimenti ġudizzjarji (e-CODEX).**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament  
Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) Sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tax-xhieda diġitali, tali xhieda meħuda fi Stat Membru skont il-liġi tiegħu m'għandhiex tiġi miċħuda r-rikonoxximent bħala xhieda fi Stati Membri oħra **biss** minħabba n-natura diġitali tagħha.

(4) Sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tax-xhieda diġitali, tali xhieda meħuda fi Stat Membru skont il-liġi tiegħu m'għandhiex tiġi miċħuda r-rikonoxximent bħala xhieda fi Stati Membri oħra minħabba n-natura diġitali tagħha. **Dak il-prinċipju għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni, skont il-liġi nazzjonali, tal-livell ta' kwalità u l-valur tax-xhieda, irrISPETTIVAMENT min-natura diġitali u mhux diġitali tagħha.**

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament  
Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) Il-proċeduri għat-teħid, il-**

*preservazzjoni u l-preżentazzjoni tax-xhieda jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet proċedurali tal-partijiet, kif ukoll il-protezzjoni, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data personali u tal-privatezza, ikun protetti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) It-teknoloġija tal-komunikazzjoni moderna, b'mod partikolari l-vidjokonferenza, li hija mezz importanti biex tiġi ssimplifikata u aċċellerata l-kumpilazzjoni ta' xhieda, bħalissa mhux qed tintuża fil-potenzjal sħiħ tagħha. Fejn għandha tiġi kkompilata xhieda billi tinstema' persuna domiċiljata fi Stat Membru ieħor bħala xhud, parti jew espert, il-qorti għandha tieġu dik ix-xhieda direttament permezz ta' vidjokonferenza, ***jekk tkun*** disponibbli għall-qrati rispettivi, ***fejn tqis*** li l-użu ta' ***din it-teknoloġija hija xierqa minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.***

*Emenda*

(6) It-teknoloġija tal-komunikazzjoni moderna, b'mod partikolari l-vidjokonferenza, li hija mezz importanti u dirett biex tiġi ssimplifikata u aċċellerata l-kumpilazzjoni ta' xhieda, bħalissa mhux qed tintuża fil-potenzjal sħiħ tagħha. Fejn għandha tiġi kkompilata xhieda billi tinstema' persuna domiċiljata fi Stat Membru ieħor bħala xhud, parti jew espert, il-qorti għandha tieġu dik ix-xhieda direttament permezz ta' vidjokonferenza ***jew permezz ta' teknoloġija oħra xierqa ta' komunikazzjoni mill-bogħod*** disponibbli għall-qrati rispettivi, ***sakemm, minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, l-użu ta' tali teknoloġija ma jkunx ikkunsidrat xieraq għall-andament ekwu tal-proċedimenti. Ir-regoli dwar l-użu ta' tali mezzi ta' komunikazzjoni jenħtieġ li jkunu teknoloġikament newtrali u jkunu kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni futuri. Fejn meħtieġ mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, l-użu ta' tali teknoloġija jenħtieġ li jkun soġġett għall-kunsens tal-persuna li se tinstema'.***

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Sabiex jiffaċilitaw il-kumpilazzjoni ta' xhieda minn ***uffiċjali diplomatiċi*** jew aġenti konsulari, tali persuni jistgħu, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor ***u fiż-żona fejn jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom***, jagħmlu kumpilazzjoni ta' xhieda mingħajr il-ħtieġa għal talba minn qabel billi jisimgħu ċittadini tal-Istat Membru li jirrappreżentaw ***mingħajr kompulsjoni fil-kuntest ta' proċedimenti*** pendenti fil-qrati tal-Istat Membru li jirrappreżentaw.

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament  
Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament  
Premessa 8**

*Emenda*

(7) Sabiex jiffaċilitaw il-kumpilazzjoni ta' xhieda minn ***persunal diplomatiku*** jew aġenti konsulari, tali persuni jistgħu, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor fejn ***huma akkreditati***, jagħmlu kumpilazzjoni ta' xhieda ***fil-bini tal-missjoni diplomatika jew il-konsulat tagħhom***, mingħajr il-ħtieġa għal talba minn qabel billi jisimgħu ċittadini tal-Istat Membru li jirrappreżentaw ***għall-proċedimenti*** pendenti fil-qrati tal-Istat Membru li jirrappreżentaw, ***dejjem jekk il-persuna li se tinstema' tikkoopera b'mod volontarju fit-teħid tax-xhieda***.

*Emenda*

***(7a) Huwa importanti li jiġi żgurat li dan ir-Regolament jiġi applikat f'konformità mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data tal-Unjoni u li jirrispetta l-protezzjoni tal-privatezza kif imnaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li kwalunkwe pproċessar tad-data personali ta' persuni fiżiċi skont dan ir-Regolament isir skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. Id-data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata biss għall-għanijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-ħolqien ta' qafas legali li jiżgura t-trażmissjoni rapida ta' talbiet u komunikazzjonijiet dwar il-prestazzjoni tal-kumpilazzjoni ta' xhieda, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament  
Premessa 8a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-ħolqien ta' qafas legali ***simplifikat*** li jiżgura t-trażmissjoni ***diretta, effettiva u*** rapida ta' talbiet u komunikazzjonijiet dwar il-prestazzjoni tal-kumpilazzjoni ta' xhieda, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

*Emenda*

***(8a) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb l-effikaċja u l-ħeffa tal-proċedimenti ġudizzjarji billi jissimplifika u jintegra l-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni fil-kumpilazzjoni tax-xhieda fil-proċedimenti transkonfinali, filwaqt li fl-istess ħin jgħin inaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-individwi u n-negożji. Barra minn hekk, aktar ċertezza legali, flimkien ma' proċeduri aktar sempliċi, integrati u diġitalizzati jistgħu jħeġġu lill-individwi u n-negożji biex jinvolvu ruħhom fi tranżazzjonijiet transfruntieri, sabiex b'hekk jagħtu spinta lill-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u għalhekk lill-funzjonament tas-suq intern.***

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament  
Premessa 11**

(11) Sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard fl-Annessi jew biex isiru bidliet tekniċi għal dawk il-formoli, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet\*. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

**(11) Sabiex tiddefinixxi l-arranġamenti dettaljati għall-funzjonament tas-sistema tal-IT deċentralizzata u sabiex jiġu stabbiliti l-istandards u rekwiżiti tekniċi minimi għall-użu tal-vidjokonferenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Tali atti delegati jenħtieġ jiggarrantixxu trażmissjoni effettiva, affidabbli u bla xkiel tal-informazzjoni rilevanti permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata, u jenħtieġ jiżguraw li s-sessjoni ta' vidjokonferenzi tiggarrantixxi komunikazzjoni ta' kwalità għolja u interazzjoni f'ħin reali. Barra min hekk, sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard fl-Annessi jew biex isiru bidliet tekniċi għal dawk il-formoli, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet\*. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.**

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 1206/2001  
Artikolu 1 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. F'dan ir-Regolament, it-terminu "qorti" għandu jfisser kull awtorità **ġudizzjarja** fi Stat Membru li hija kompetenti għat-twettiq tal-kumpilazzjoni ta' xhieda skont dan ir-Regolament.;

*Emenda*

4. F'dan ir-Regolament, it-terminu "qorti" għandu jfisser kull awtorità fi Stat Membru li hija kompetenti, **abbażi tal-liġijiet ta' dak l-Istat Membru** għat-twettiq tal-kumpilazzjoni ta' xhieda skont dan ir-Regolament. ;

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**  
Regolament (KE) Nru 1206/2001  
Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. It-talbiet u l-komunikazzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu trażmessi permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata magħmula minn sistemi tal-IT nazzjonali interkonnessi minn infrastruttura ta' komunikazzjoni li tippermetti l-iskambju transkonfinali sigur u affidabbli bejn is-sistemi tal-IT nazzjonali.

*Emenda*

1. It-talbiet u l-komunikazzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu trażmessi permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata magħmula minn sistemi tal-IT nazzjonali interkonnessi minn infrastruttura ta' komunikazzjoni **u** li tippermetti l-iskambju transkonfinali sigur u affidabbli **ta' informazzjoni, anki f'ħin reali**, bejn is-sistemi tal-IT nazzjonali **b'rispett sħiħ dovut għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Din is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tkun ibbażata fuq e-CODEX.**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**  
Regolament (KE) Nru 1206/2001  
Artikolu 6 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-qafas legali ġenerali għall-użu ta' servizzi fiduċjarji stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 910/2014<sup>20</sup> għandu

*Emenda*

2. Il-qafas legali ġenerali għall-użu ta' servizzi fiduċjarji **kwalifikati** stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru



japplika għat-talbiet u komunikazzjonijiet trasmessi permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fil-paragrafu 1.

910/2014<sup>20</sup> għandu japplika għat-talbiet u komunikazzjonijiet trasmessi permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fil-paragrafu 1.

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 6 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fejn it-talbiet u l-komunikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu jew ikollhom siġill jew firma miktuba bl-idejn, minflok jistgħu jintużaw "siġilli elettroniċi kkwalfikati" u "firem elettroniċi kkwalfikati", kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

#### *Emenda*

3. Fejn it-talbiet u l-komunikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu jew ikollhom siġill jew firma miktuba bl-idejn, minflok jistgħu jintużaw "siġilli elettroniċi kkwalfikati" u "firem elettroniċi kkwalfikati", kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **sakemm ikun żgurat bis-sħiħ li l-persuni involuti jkunu kisbu għarfien ta' tali dokumenti kmieni biżżejjed u b'mod leġittimu.**

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 6 – paragrafu 3a (new)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**3a. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 biex tissupplimenta dan ir-**

*regolament billi tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-funzjonament tas-sistema tal-IT deċentralizzata. Meta tkun qed teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sistema tiggarrantixxi skambju effettiv, affidabbli u bla xkiel tal-informazzjoni rilevanti, kif ukoll livell għoli ta' sigurtà fit-trażmissjoni u l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 6 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Jekk it-trażmissjoni skont il-paragrafu 1 mhix possibbli minħabba tfixkil mhux previst u eċċezzjonali tas-sistema tal-IT deċentralizzata jew fejn tali trasmissjoni mhix possibbli f'każijiet eċċezzjonali oħrajn, it-trażmissjoni għandha ssir bl-iktar mezzi mgħaġġla possibbli, li l-Istat Membru mitlub ikun indika li *jista' jaċċetta*.

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17a – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kumpilazzjoni diretta ta' xhieda permezz ta' *vidjokonferenza*

*Emenda*

4. Jekk it-trażmissjoni skont il-paragrafu 1 mhix possibbli minħabba tfixkil mhux previst u eċċezzjonali tas-sistema tal-IT deċentralizzata jew fejn tali trasmissjoni mhix possibbli f'każijiet eċċezzjonali oħrajn, it-trażmissjoni għandha ssir bl-iktar mezzi mgħaġġla possibbli li l-Istat Membru mitlub ikun indika li *huma aċċettabbli*.

*Emenda*

Kumpilazzjoni diretta ta' xhieda permezz ta' *teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod*

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fejn għandha tiġi kkompilata xhieda billi tinstema' persuna domiċiljata fi Stat Membru ieħor bħala xhud, parti jew espert u l-qorti ma titlobx lill-qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tagħmel kumpilazzjoni tax-xhieda skont l-Artikolu 1(1)(a), il-qorti għandha tagħmel kumpilazzjoni tax-xhieda direttament skont l-Artikolu 17 permezz ta' vidjokonferenza, jekk tkun disponibbli għall-qrati rispettivi, ***fejn tqis li l-użu ta' din it-teknoloġija hija xierqa minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.***

#### *Emenda*

1. Fejn għandha tiġi kkompilata xhieda billi tinstema' persuna domiċiljata fi Stat Membru ieħor bħala xhud, parti jew espert u l-qorti ma titlobx lill-qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tagħmel kumpilazzjoni tax-xhieda skont l-Artikolu 1(1)(a), il-qorti għandha tagħmel kumpilazzjoni tax-xhieda direttament skont l-Artikolu 17 permezz ta' vidjokonferenza ***jew permezz ta' teknoloġija oħra xierqa ta' komunikazzjoni mill-bogħod***, jekk tkun disponibbli għall-qrati rispettivi, ***sakemm, minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, l-użu ta' din it-teknoloġija ma jitqiesx xieraq għall-andament ekwu tal-proċedimenti.***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17a – paragrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***1a. Fejn meħtieġ mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, l-użu ta' vidjokonferenza jew ta' teknoloġija oħra xierqa ta' komunikazzjoni mill-bogħod, għandu jkun soġġett għall-kunsens tal-persuna li se tinstema'.***

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fejn issir talba għal kumpilazzjoni diretta tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza, is-smiġh għandu jsir fil-bini ta' qorti. Il-qorti rikjedenti u l-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3(3) jew il-qorti li fil-bini tagħha għandha tinżamm is-seduta għandha taqbel dwar l-arranġamenti prattiċi għall-vidjokonferenza.

*Emenda*

2. Fejn issir talba għal kumpilazzjoni diretta tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza ***jew permezz ta' teknoloġija oħra xierqa ta' komunikazzjoni mill-bogħod***, is-smiġh għandu jsir fil-bini ta' qorti. Il-qorti rikjedenti u l-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3(3) jew il-qorti li fil-bini tagħha għandha tinżamm is-seduta għandha taqbel dwar l-arranġamenti prattiċi għall-vidjokonferenza. ***Dawk l-arranġamenti għandhom ikunu konformi mal-istandards tekniċi minimi u r-rekwiżiti għall-użu tal-vidjokonferenza li huma ddefiniti skont il-paragrafu 3a .***

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (KE) Nru 1206/2001  
Artikolu 17a – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Kwalunkwe sistema elettronika għall-kumpilazzjoni ta' xhieda għandha tiżgura li s-segretezza professjonali u l-privileġġ professjonali legali huma protetti.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (KE) Nru 1206/2001  
Artikolu 17a – paragrafu 3 – sentenza introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Fejn ix-xhieda tittieħed bil-

3. Fejn ix-xhieda tittieħed bil-

vidjokonferenza:

vidjokonferenza *jew permezz ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni oħra disponibbli:*

## Emenda 26

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17a – paragrafu 3 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jekk ikun meħtieġ, fuq talba tal-qorti rikjedenti, il-persuna li se tinstema' jew l-imħallef fl-Istat Membru rikjest li jipparteċipa fis-seduta, il-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3(3) għandhom jiżguraw li l-persuna li se tinstema' jew l-imħallef ikun assistit minn interpretu. ;

#### *Emenda*

(b) jekk ikun meħtieġ, fuq talba tal-qorti rikjedenti, il-persuna li se tinstema' jew l-imħallef fl-Istat Membru rikjest li jipparteċipa fis-seduta, il-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3(3) għandhom jiżguraw li l-persuna li se tinstema' jew l-imħallef ikun assistit minn interpretu *kwalfikat.* ;

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17a – paragrafu 3a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**3a. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-istandards u r-rekwiżiti minimi għall-użu ta' vidjokonferenza.**

**Meta tkun qed teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sessjoni ta' vidjokonferenza tiggarrantixxi komunikazzjoni ta' kwalità għolja u interazzjoni f'ħin reali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll, fir-rigward tat-trażmissjoni tal-informazzjoni, livell għoli ta' sigurtà u l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali, skont ir-Regolament**

## Emenda 28

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17a – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *Il-qorti għandha tinnotifika lill-persuna li se tinstema', il-partijiet, inklużi r-rappreżentanti legali rispettivi tagħhom, bid-data, il-ħin u l-post tas-seduta, u l-kundizzjonijiet għall-partiċipazzjoni fiha permezz ta' vidjokonferenza jew permezz ta' teknoloġija oħra xierqa ta' komunikazzjoni mill-bogħod. Il-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom għandhom jiġu pprovduti, mill-qorti rilevanti, bi struzzjonijiet dwar il-proċedura għall-preżentazzjoni tad-dokumenti jew materjal ieħor matul is-seduta permezz ta' vidjokonferenza jew permezz ta' teknoloġija oħra xierqa ta' komunikazzjoni mill-bogħod.';*

## Emenda 29

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17b – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Kumpliazzjoni ta' xhieda minn uffiċjali diplomatiki jew aġenti konsulari

Kumpliazzjoni ta' xhieda minn personal diplomatiku jew aġenti konsulari

## Emenda 30

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 17b – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Uffiċjali diplomatiċi* jew aġenti konsulari ta' Stat Membru jistgħu, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor *u fiż-żona* fejn *jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom*, jagħmlu kumpilazzjoni ta' xhieda mingħajr il-ħtieġa għal talba minn qabel skont l-Artikolu 17(1), billi jisimgħu ċittadini ta' Stat Membru li jirrappreżentaw *mingħajr kompulsjoni* fil-kuntest ta' proċedimenti pendenti fil-qrati tal-Istat Membru li huma jirrappreżentaw.";

*Emenda*

*Persunal diplomatiku* jew aġenti konsulari ta' Stat Membru jistgħu, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor fejn *huma akkreditati*, jagħmlu kumpilazzjoni ta' xhieda *fil-bini tal-missjoni diplomatika jew il-konsulat tagħhom*, mingħajr il-ħtieġa għal talba minn qabel skont l-Artikolu 17(1), billi jisimgħu ċittadini ta' Stat Membru li jirrappreżentaw fil-kuntest ta' proċedimenti pendenti fil-qrati tal-Istat Membru li huma jirrappreżentaw.; *Tali kumpilazzjoni tista' ssir biss bil-kooperazzjoni volontarja tal-persuna li se tinstema'. Il-kumpilazzjoni ta' xhieda għandha ssir bis-superviżjoni tal-qorti rikjedenti, skont il-liġi nazzjonali tagħha.*;"

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 18a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Xhieda* diġitali meħuda fi Stat Membru skont il-liġi tiegħu m'għandhiex *tiċċaħħad mill-kwalità* ta' xhieda fi Stati Membri oħra *biss minħabba n-natura* diġitali *tagħha.*;" ;

*Emenda*

*In-natura* diġitali *tax-xhieda* meħuda fi Stat Membru skont il-liġi tiegħu m'għandhiex *tintuża bħala raġuni biex tinċaħhad il-kwalità* ta' xhieda fi Stati Membri oħra . *Il-kwistjoni dwar jekk ix-xhieda hijiex ta' natura diġitali jew le m'għandhiex tkun fattur fid-determinazzjoni tal-livell ta' kwalità u l-valur ta' tali xhieda.* ';

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Taqsim 6a (ġdida) – Artikolu 18b (ġdid)

**(6a) it-Taqsima 6 li ġejja tiddaħħal wara l-Artikolu 18:**

**Taqsima 6a**

**L-ipproċessar ta' data personali**

**Artikolu 18b**

**Kwalunkwe pproċessar ta' data personali li jsir fl-ambitu ta' dan ir-Regolament , inkluż l-iskambju jew it-trażmissjoni ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti, għandu jsir skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Kull skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni minn awtoritajiet kompetenti fil-livell ta' Unjoni għandu jsir skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001. Id-data personali li ma tkunx rilevanti għat-trattament ta' każ speċifiku għandha titħassar minnufih.**

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 20 – paragrafu 2

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(2) għandha tingħata **lill-Kummissjoni** għal perjodu **indeterminat** ta' **żmien mid-...[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija **fl-Artikolu 6(3a), fl-Artikolu 17a(3a) u** fl-Artikolu 19(2) għandha tingħata **lill-Kummissjoni** għal perjodu **ta' ħames snin [mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ]**. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur**



*qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 20 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 19(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'din id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun fis-seħħ.

#### *Emenda*

3. Id-delega ta' setgħa msemija **fl-Artikolu 6(3a), fl-Artikolu 17a(3a) u** fl-Artikolu 19(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'din id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun fis-seħħ.

## Emenda 35

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 20 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la ***l-Parlament*** Ewropew u lanqas ***il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih*** jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, ***kemm*** il-Parlament Ewropew ***kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu*** lill-Kummissjoni li ***mhumix se joġġezzjonaw għalih***. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Emenda*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***6(3a), Artikolu 17a(3a) jew l-Artikolu*** 19(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ***ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni*** la ***mill-Parlament*** Ewropew u lanqas ***mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew ***u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw*** lill-Kummissjoni li ***mhu ser*** joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Emenda 36

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 22a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa mhux aktar tard minn *[sentejn* mid-data ta' dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

1. Sa mhux aktar tard minn *[sena* mid-data ta' dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 37

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 23 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mhux *qabel [ħames snin wara d-data* ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

#### *Emenda*

1. Mhux *aktar tard minn [erba' snin mid-data* ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, *akkumpanjata, fejn huwa xieraq, minn proposta leġiżlattiva.*